# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum il-Ġimgħa, 15 ta' Novembru, 2024

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 1101/2016 ISB**

**Dr Joseph Mizzi bħala mandatarju speċjali ta' Sovereign Fuels Limited, soċjetà estera reġistrata l-Union of Comoras, b'numru ta' reġistrazzjoni 11610**

**Vs**

**M.V. Sea Patron (IMO 8214097)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Ġuramentat** ta' **Dr Joseph Mizzi noe**, intavolat fil-5 ta' Diċembru 2016, li permezz tiegħu talab lill-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara li l-bastiment intimat huwa debitur tas-socjeta attrici fis-somma ta' mitt elf Ewro (€100,000) rapprezentanti ammont bilancjali ta' kera ghall perjodu ta' tlett (3), ai termini tal-ftehim datat 16 ta' Settembru 2016, oltre imghaxxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha;*

2. *Tordna u tikkundanna lill-bastiment intimat sabiex ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' mitt elf Ewro (€100,000) rapprezentanti ammont bilancjali ta' kera ghall perjodu ta' tlett (3) xhur ai termini tal-ftehim datat 16 ta' Settembru 2016, oltre imghaxxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha ;*

3. *Tiddikjara u tiddeciedi li sid il-bastiment intimat, Patron Group Limited, hija inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali fosthom billi naqset li timpiega l-bastiment Sovereign M f'post sikur fic-Centru tal-Meditterran u/jew naqset li tikkonsenja lura l-bastiment Sovereign M lis-socjeta' rikorrenti gewwa l-Port ta' Valletta, Malta fiz-zmien stipulat fit-Time Charter Party Agreement;*

4. *Tiddikjara li sid il-bastiment intimat, Patron Group Limited, huwa unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mis-soċjetà rikorrenti hekk kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.*

5. *Tillikwida l-imsemmija danni prevja l-opera ta' periti nominandi fejn meħtieġ;*

6. *Tiddikjara li l-bastiment intimat huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' danni hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti kif premess fit-talbiet precedent.*

7. *Tordna lill-bastiment intimat jħallas lis-soċjetà rikorrenti d-danni hekk likwidati fit-talbiet precedenti.*

U dan wara illi ppremettew:

***A. Fatti Relevanti***

1. *Illi s-socjeta attrici Sovereign Fuels Limited hija sid il-bastiment Sovereign M (IMO nru 7946992), registrat taht il-bandiera tat-Togo, hekk kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*

2. *Illi s-socjeta attrici ikkuntrattat mas-socjeta Patron Group Limited (C-35360), sid il-bastiment intimat, ghal kiri tal-bastiment Sovereign M permezz ta' Time Charter Party Agreement (minn issa l-quddiem imsejjah "il-ftehim") datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju 2015 ghall perjodu ta' tlett xhur li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok B;*

3. *Illi ai termini ta' dan il-ftehim kien pattwit bejn il-partijiet li -l-bastiment Sovereign M jintuza biss ghall "offshore activities" senjtament il-garr ta "liquid cargo" "between any good and safe port or place" fic-centru tal-Meditterran. Inoltre, fiz-zmien li gie ffirmat l-imsemmi ftehim il-partijiet kienu ukoll ftehmu verbalment li -bastiment Sovereign M fl-ebda kaz ma ghandu jidhol iktar il-gewwa minn tmenin mil nawtiku (80nm) mit-territorju tal-Libja. L-impjieg tal-bastiment kien ghalhekk limitat ghal vjaggi fir-regjun tac-centru tal-Meditterran u cioe' mit-tmenin mil nawtiku (80nm) mit-territorju Libjan u vjaggi bejn Malta ("OTW") u Sqallija.*

4. *Illi ai termini ta' klawsola 6(a) tal-ftehim n-nolleggatur u cioe' Patron Group Limited kien obbligat li jillimita l-impieg tal-bastiment Sovereign M f'port jew post sikur u f'dan is-sens in-noleggatur kien obbligat wkoll li jezercita d-diligenza kollha mehtiega kull meta jaghti ordnijiet lill-bastiment "as if the Vessel were their own property [...]".*

5. *Illi ai termini ta' klawsola 7(a)(i) tal-imsemmi time charterparty in-noleggatur kellhom id-dritt li jaghtu "sailing instructions" lill-Kaptan tal-bastiment Sovereign M skont it-termini u l-kunduzzjonijiet ta' l-istess time charterparty.*

6. *Illi f' 24 ta' Awwissu 2015 in-noleggatur unilaterament ta' ordni ("sailing instructions") lill-kaptan tal-bastiment Sovereign M u specifikament il-kaptan tal-bastiment inghata ordni sabiex jidhol u jistenna fl-erbghin mil nawtiku (40nm) il-barra mill-Libja.*

7. *Illi meta l-bastiment dahal circa erbghin (40) mil nawtiku l-barra mill-Libja u waqt li kien qieghed jistenna ordnijiet ulterjuri minghand in-noleggatur gie avvicant minn patrol boat tal-qawwiet navali Taljani. Il-kaptan tal-bastiment ikkomunika direttament mas-sidien tal-bastiment u informahom li jekk ma jirrceviex ordnijiet ulterjuri huwa kien dispost li jsalpa lura lejn Malta.*

8. *Illi bhala rizultat u konsegwenza diretta ta' dawn l-ordnijiet ("sailing instructions") tan-noleggatur, fis-26 ta' Awwissu 2015 waqt li l-bastiment Sovereign M kien qieghed madwar erbghin mil nawtiku (40mn) l-barra mill- Libja gie intercettat mill-forzi navali Libjani u ddahhal fil-port ta' Tripoli, fuq allegazzjonijiet li dan il-bastiment kien qieghed jistenna sabiex jghabbi kunsinja ta' gas oil illegali.*

9. *Illi dawn l-ordnijiet tan-noleggatur lill-kaptan tal-bastiment Sovereign M biex jidhol fl-erbghin mil nawtiku (40mn) l-barra mill- Libja nghataw bi ksur ta' dak pattwit bejn il-partijiet billi l-area of operation ma kellhiex teccedi it-tmenin mil nawtiku (80mn) mill- Libja u, inoltre, ma jikkwalifikax bhala post sikur ("safe place") ai termini ta' klawsola 6(a) tal-ftehim.*

10. *Illi x' jikkostitwixxi "safe port" fl-ambitu ta' charterparties kien gie deskritt minn Sellers, L.J. fis-sentenza Leeds Shipping vs. Societe Francaise Bunge (**The Eastern City**) [1958] 2 Lloyd's Rep 127. bhala "...a port will not be safe unless, in the relevant period of time, the particular ship can reach it, use it and return from it without, in the absence of some abnormal occurrence, being exposed to danger whcih cannot be avoided by good navigation and seamanship...". Kif inhuma ben risaput fil-prassi marittima internazzjonali, inkluz dik Ingliza, port u/jew post ma jkunx sikur mhux biss minhabba it-topografija partikolari tal-port u/jew post jew riskji assocjati ma navigazzjoni f' tali port u/jew post izda wkoll minhabba riskji ta' sitwazzjonijiet politici jew stat ta'gwerra [Ogden vs. Graham (1861) 1 B. & S. 773; The Evia (No. 2) (1982) 2 Loyds's Rep. 307 (H.L.); The Saga Cob (1992) 2 Lloyd's Regp. 545].*

11. *Illi ghall kull buon fini jinghadd li n-noleggjatur ghamel diversi xhur jipprova jikseb ir-rilaxx tal-bastiment u l-membri tal-ekwipagg izda minghajr ebda success.*

12. *Illi sal-gurnata tal-prezentata tar-rikors odjern il-bastiment Sovereign M flimkien mal- membri tal-ekwipagg tieghu ghadhom mizmumin mil-awtoritajiet Libjani gewwa il-Libja.*

***B. Nuqqas ta' hlas ta' kera da parti ta' Patron Group Limited, hekk kif ikkuntratt bi ftehim ulterjuri datat 16 ta' Settembru 2016***

1. *Illi s-socjeta attrici kienet diga intavolat proceduri kontra l-bastiment intimat u kien fil-fatt intlahaq ftehim fuq il-hlas ta' kera ghal-perjodu originali ta' kirja tal-bastiment, minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni ohra, liema ftehim qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok C;*
2. *Illi ai termini ta' dan il-ftehim in-nollegjatur ikkostitwixxa ruhhu debitur a favur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' mitejn elf ewro (€200,000) rapprezentanti hlas ta' kiri tal-basitment Sovereign M skont il-fethim ta' kiri (time charter party) datat 22 ta' Lulju 2015.*

3. *Illi dan il-hlas lis-socjeta' attrici kellu jsir f'zewgt pagamenti, wiehed ta' mitt elf Ewro (€100,000) mal-iffirmar tal-ftehim u pagament iehor ta' mitt elf Ewro (€100,000) fi zmien tlieta u erbghin gurnata mid-data tal-istess ftehim. Illi l-ewwel pagament thallas u giet irrilaxxata d-debita' rcevuta.*

4. *Illi minkejja l-imsemmi ftehim is-socjeta Patron Group Limited naqset milli thallas it-tieni pagament ta' mitt elf Ewro (€100,000) fit-terminu indikat, u cioe' dak ta' tlieta u erbghin (43) jum u sal-lum is-socjeta' Patron Group Limited hija moruza;*

4. *Ghalhekk is-socjeta Patron Group Limited, sid il-bastiment intimat, ghandha thallas is-socjeta attrici s-somma ta' mitt elf Ewro (€100,000) rapprezentanti ammont bilancjali ta' kera*

*ghall perjodu ta' tlett (3) xhur hekk kif gie maqbul mill-partiijet ai termini tal-ftehim hawn fuq imsemmi;*

**C. *Nuqqas ta' konsenja lura tal-bastiment MV Sovereign M lis-socjeta' attrici fil-port ta' Valletta, Malta da parti ta' Patron Group Limited***

1. *Illi ai termini ta' klowsola 2(d) tal-ftehim datat 22 ta' Lulju 2015 (time charterparty) in-noleggatur obbliga ruhu li wara l-iskadenza tal-perjodu ta' kiri jikkonsenja lura l-bastiment Sovereign M lis-sidien tieghu fil-port ta' Valletta, Malta.*
2. *Illi minkejja dak maqbul bejn il-partijiet, in-noleggatur sal-lum naqas milli jikkonsenja lura l-bastiment Sovereign M fil-port ta' Valletta, Malta u dan bi ksur tal-klawsola 2(d) tal-ftehim. Bhala rizultat u konsegwenza diretta ta' din l-inadempjenza da parti tan-noleggatur, sid il-bastiment gie mcahhad mill-uzu tal-bastiment tieghu.*
3. *Illi ghalhekk stante li l-bastiment ma giex ikkonsenjat lura fiz-zmien pattwit kawza tal-agir negligenti, unilaterali, abusiv u illegali, kif wkoll minhaba inademjenza tal-obbligi kuntrattwali, da parti tas-socjeta Patron Group Limited, s-socjeta rikorrenti soffriet u qed issoffri danni kbar konsistenti fin-nuqqas ta' uzu tal-bastiment Sovereign M.*
4. *Illi kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors id-danni sofferti mis-socjeta' attrici sal-prezentata tar-rikors odjern jammontaw ghall disa' mija u tmienja u tletin elf u erba' mitt Ewro (€ 938,400), jew ammonti ohra verjuri, kkalkulati bir-rata ta' elfejn u erbgha mitt Ewro (€2,400) per diem, jew rata ohra*

*verjuri, mid-data li fiha n-noleggatur kien obbligat li jikkonsenja lura l-bastiment lis-socjeta' attrici sad-data tal-pagament effettiv, u cioe' mid-disgha (9) ta' Novembru 2015.*

5. *Illi apparti l-premess is-socjeta attrici soffriet wkoll danni addizzjonali rapprezentanti pagi mhallsa lill-membri tal-ekwipagg li ghadhom maqbudin gewwa l-Libja u spejjez ohra relatati mal-membri tal-ekwipagg ghal perjodu ta' sitt (6) xhur wara li spicca il-perjodu tal-kiri pattwit bejn il-partijiet u wara li n-noleggatur naqas milli jikkonsenja lura l-bastiment lis-socjeta' attrici fiz-zmien pattwit.*

6. *Illi minkejja li s-socjeta' Patron Group Limited giet interpellata diversi drabi sabiex tonora l-obbligi assunti minnha fuq il-ftehim hawn fuq imsemmi, thallas il-kera u tikkonsenja lura l-bastiment lis-socjeta rikorrenti, din baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

7. *Illi l-mertu tal-vertanza bejn il- kontendenti tirrigwarda ftehim dwar il-kiri ta' bastiment permezz ta' charter party kif previst fl -artikolu 742B(i) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u azzjonabbli bhala azzjoni in rem kontra l-bastiment intimat a tenur tal-artikolu 742D(b) tal-istess Kap 12.*

8. *Illi s-socjeta' attrici ghalhekk talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar bin-numru 1688/2016 fl-ismijiet Dr Joseph Mizzi bhala mandatarju specjali ta' Sovereign Fuels Limited, socjeta estera registrata l-Union of Comoros, b'numru ta' registrazzjoni 11610, v. M.V Sea Patron (IMO 8214097), bil-ghan li jassiguraw li l-bastiment intimat jibqa f' Malta u hekk tkun tista tipprocedi b'din l-istanza in rem kontra l-istess*

*bastiment intimat. Kopja tal-imsemmi mandat hawn annessa u mmarkata bhala Dok "D".*

9. *Illi l-mandat ta' arrest kawtelatorju surreferit ghadu fis-sehh sal-gurnata tar-rikors odjern u ghaldaqstant il-bastiment intimat jinsab fl-ibhra territorjali ta' Malta u taht il-gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.*

10. *Illi dawn il-fatti l-esponenti nomine jaf bihom personalment.*

Rat id-**dokumenti** li ġew ippreżentati mar-rikors promotur (fol 10 sa fol 33).

Rat id-**digriet** tagħha, kif diversament preseduta, tas-6 ta' Diċembru 2016, li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-udjenza tas-16 ta' Jannar 2017 fid-9:00am.

Rat ir-**risposta ġuramentata** ta' **M.V. Sea Patron** intavolata fid-9 ta' Jannar 2017, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Preliminarjament il-bastiment M.V. Sea Patron rnhuwiex legittimu kuntradittur ghat-talbiet attrici u fil-kawza kif proposta, u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Ma kien hemm ebda ostakolu legali ghalbiex l-attrici tipprocedi direttament kontra l-persuna li maghha kkuntrattat.*

3. *Preliminarjament ukoll, Dr. Joseph Mizzi ghandu jipprezenta prova awtentika tal-mandat tieghu flirnkien ma' kopja awtentika tal-istatut tas-socjeta' attrici.*

4. *Fil-meritu t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-eccepjent huma nfondati fil-fatt u fil-ligi. L-eccepjent ma ndahal xejn*

*fin-negozju li fuqu l-attrici tibbaza lpretensjonijiet taghha. Inoltre la direttament u lanqas indirettament ma kellu xi kontroll fuq il-bastiment Sovereign M jew il-kiri tieghu.*

*5. Anke fir-rigward tas-socjeta' Patron Group Limited, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi ghaliex din kellha responsabilta' ghall-hlas ta' kera biss sa dak in-nhar li setghet tinqeda bil-bastiment mikri lilha.*

*6. Inoltre l-ftehim tas-16 ta' Settembru 2016 ma jiswiex ghaliex il-kunsens ta' Paul Attard kien vizjat minhabba vjolenza da parti ta' Michael Mizzi. Paul Attard iffirma taht rikatt biex jottjeni r-rilaxx tal-bastiment eccepjent u jevita' d-danni konsegwenzali kbar kagun tat-telfien ta' kuntratt ma terzi.*

*7. Ghalhekk l-ammont mitlub bl-ewwel talba mhuwiex dovut jew mhuwiex dovut kollu u konsegwentement anke t-tieni talba ghandha tigi michuda.*

*8. Is-socjeta' Patron Group Limited ma naqset bl-ebda mod fil-konfront tassocjeta' attrici u ma hijiex responsabbli ghall-konfiska tal-bastiment MT Sovereign M da parti tal-Awtoritajiet Libjani. F'kull kaz hija ma hija responsabbli ghal ebda danni konsegwenzjali li s-socjeta' attrici setghet sofiiet. Konsegwentement it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

9. *Inoltre, minghajr pregudizzju u f'kull kaz ukoll, il-konfiska tal-bastiment millGvern Libjan tikkostitwixxi forza magguri li teskludi responsabilta' ghad-danni.*

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2017, il-Qorti qieset li kellhom isiru l-provi fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet.

Rat in-nota tal-attur noe intavolata fl-20 ta' Jannar 2017 (fol 50) li permezz tagħha ppreżenta tliet dokumenti (fol 51 sa fol 55).

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Frar 2017 xehed **Michael Mizzi**.

Rat in-nota tal-attur noe. intavolata fl-24 ta' Frar 2017 (fol 66) li permezz tagħha ppreżenta dokument (fol 67 sa fol 86).

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2017, xehed **Dr Joseph Mizzi**. Rat ukoll li dakinha il-Qorti ddikjarat il-provi dwar it-tieni eċċezzjoni magħluqa.

Rat is-sentenza parzjali tagħha, diversament preseduta, tas-26 t'April 2017 (fol 99) li permezz tagħha fir-rigward tat-**tieni eċċezzjoni** tal-konvenut iddeċidiet li:

> *"... tqis illi l-attur nomine ġab il-prova tal-mandat tiegħu biex jirrappreżenta lis-soċjeta' Sovereign Fuels Limited f'din il-kawża."*

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Mejju 2017 (fol 111) fejn il-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut, kif kontenuta fir-rikors intavolat minnu fit-2 ta' Mejju 2017 (fol 106) sabiex jappella mis-sentenza parzjali tas-26 t'April 2017.

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Lulju 2017, il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi xi jressqu dwar l-ewwel eċċezzjoni u għalhekk il-Qorti ddikjarat il-provi dwar din l-eċċezzjoni magħluqa.

Rat is-Sentenza Parzjali tagħha, diversament preseduta, tas-6 ta' Novembru 2017 (fol 131) li permezz tagħha fir-rigward tal-**ewwel eċċezzjoni** tal-konvenut iddeċidiet li tiċħad l-istess eċċezzjoni.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2018 l-attur noe ppreżenta nota (fol 145) b'affidavit ta' **Michael Mizzi** u **Silvio Mizzi** b'dokumenti annessi (fol 146 sa fol 233).

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2018 xehdu **Michael Savona** li ppreżenta dokument (dok MS1, fol 241) u **Dr Robert Vassallo** li ppreżenta żewġ dokumenti (Dok RV1 u Dok RV2, fol 247 sa fol 342).

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta' April 2018 xehed **Paul Falzon** u ppreżenta dokument (Dok PF1, fol 358 sa fol 372).

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Diċembru 2018 xehed **Peter Sullivan.**

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' April 2019 xehed **Kurt Gutteridge** u ppreżenta dokument (Dok KG1, fol 399 sa fol 401).

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Ġunju 2019, xehed **Michael Mizzi** u ppreżenta dokument (Dok MM1, fol 417).

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2019 xehed **Silvio Mizzi** u ppreżenta tliet dokumenti (Dok SM1 sa Dok SM3, fol 429 sa fol 443).

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Novembru 2020 l-attur noe ppreżenta nota (fol 455) bi ħmistax -il dokumenti (fol 457 sa fol 817). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-attur noe. li ma kellux aktar provi x'jipproduċi.

Rat in-nota tal-avukat Dr Pawlu Lia intavolata fit-3 ta' Lulju 2023 (fol 854) li permezz tagħha rrinunzja għall-patroċinju tal-konvenut.

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2024, peressli ma deher ħadd sabiex jirrappreżenta l-interess tal-konvenut u fl-aħħar verbal tagħha l-Qorti kienet għamlitha ċara li din kienet ser tkun l-aħħar opportunita` sabiex il-konvenut jikkonkludi l-provi tiegħu, din il-Qorti ddikjarat il-provi tal-konvenut magħluqa.

Rat is-sottomissjonijiet finali estensivi tal-attur noe.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2024, il-kawża ġiet mħollija għall-udjenza ta' llum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluż mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mis-soċjeta' attriċi sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-intimat kiser l-obbligazzjonijiet tiegħu fil-konfront tas-soċjeta' attriċi stante nuqqas ta' ħlas puntwali tal-kera pattwita u/jew kumpens għall-użu tal-bastiment u kkawżat danni lill-istess. Għalhekk huma talbu lil din il-Qorti tordna l-ħlas tal-kera pattwita u l-likwidazzjoni ta' danni.

Is-soċjeta' attriċi tispjega li hija sid il-bastiment *Sovereign M* (IMO nru 7946992) reġistrat taħt il-bandiera tat-Togo.

Tispjega li hi kkuntrattat mas-soċjeta' Patron Group Limited (C-35360), sid il-bastiment konvenut, għal kiri tal-bastiment *Sovereign M* permezz ta' *Time Charter Party Agreement* datat it-22 ta' Lulju 2015 għal perjodu ta' tliet xhur, liema ftehim kien jistipula li l-bastiment *Sovereign M* kellu jintuża biss għall-ġarr ta' *liquid cargo* bejn portijiet li huma sikuri u b'hekk kellu jivjaġġa fiċ-ċentru tal-Mediterran u ċioe` mit-tmenin mil nawtiku (80mn) mit-territorju Libjan u vjaġġi bejn Malta u Sqallija.

Tgħid li fl-24 ta' Awwissu 2015, in-noleġġatur unilateralment ta ordni lill-kaptan sabiex il-bastiment *de quo* jidħol u jistenna fl-erbgħin mil nawtiku (40mn) 'il barra mil-Libja, fejn ġie interċettat mill-forzi navali Libjani u ddaħħal fil-port ta' Tripoli fuq allegazzjonijiet li kien qiegħed jistenna sabiex jgħabbi kunsinna ta' *gas oil* illegali.

Tispjega li għamlet diversi tentattivi sabiex il-bastiment u l-ekwipaġġ tiegħu jiġu rilaxxati mill-Libja, iżda sa meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni, kien għadhom maqbudin.

Tgħid li s-soċjeta' attriċi kienet diġa` pproċediet kontra l-bastiment intimat għall-ħlas tal-kera u dwar dan intlaħaq ftehim fis-16 ta' Settembru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi kellha titħallas l-ammont ta' mitejn elf Ewro

(€200,000) li minnhom l-ammont ta' mitt elf Ewro (€100,000) baqa' ma tħallasx fiż-żmien miftiehem.

Oltre` minn hekk, il-bastiment *de quo* ma ġiex ritornat lis-soċjeta' attriċi wara tliet xhur hekk kif kien miftiehem permezz tat-*Time Charter Party* u konsegwentament is-soċjeta' attriċi ġiet imċaħħda mill-użu tal-istess bastiment, li qed jikkawża danni lis-soċjeta' attriċi. Tgħid li apparti t-telf li qed issofri minħabba li l-bastiment ma ġiex ritornat, hemm ukoll danni addizzjonali stante l-pagi tal-ekwipaġġ li għadu maqbud fil-Libja.

Issostni li minkejja li s-soċjeta' Patron Group Limited ġiet interpellata diversi drabi sabiex tonora l-obbligi assunti minnha, tħallas il-kera u tikkonsenja lura l-bastiment, din baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Tispjega li sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha hija ntavolat mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar bir-referenza 1688/2016 li għadu fis-seħħ.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-konvenut min-naħa tiegħu jgħid li l-kiri *de quo* kien intiż għall-ġarr ta' *liquid cargo* madwar il-Mediterran Ċentrali u ma kien hemm ebda garanzija ta' sigurita` kontenuta fil-ftehim li sar bejn il-partijiet.

Isostni li mhux minnu li s-soċjeta' Patron Group Limited jew xi rappreżentant tagħha taw struzzjonijiet lill-kaptan tal-bastiment *de quo* biex ibaħħar f'żona ta' periklu. Jispjega li struzzjonijiet diretti lil Kaptan qatt m'ingħataw iżda dan sar dejjem tramite s-soċjeta' attriċi u ċioe` tramite Michael Mizzi jew Silvio Mizzi. Jgħid li dakinhar li l-vapur ġie arrestat mill-awtoritajiet Libjani kien b'ibħra internazzjonali u dan b'kunsens tas-soċjeta' attriċi u oltre` minn hekk ma kien qed iġorr xejn li jappartjeni lis-soċjeta' Patron Group Ltd.

Jikkontendi għalhekk li Patron Group Ltd ma naqset bl-ebda mod fil-konfront tas-soċjeta' attriċi u mhix responsabli għall-konfiska tal-bastiment Sovereign M u konsegwentament ma hija responsabli għall-ebda danni.

Isostni li wara l-konfiska tal-bastiment, is-soċjeta' attriċi ma baqgħet tagħti l-ebda servizz lil Patron Group Limited u għalhekk ebda ħlas ma hu dovut wara s-26 ta' Awwissu 2015.

Jgħid li huwa minnu li Paul Attard għan-nom ta' Patron Group Limited kien aċċetta li jħallas is-somma ta' mitejn elf Ewro (€200,000), iżda dan l-ammont qatt ma kien dovut u daħal għat-tali ftehim għax kien kostrett jagħmel dan wara li Michael Mizzi kien ressaq pretensjoni ta' aktar minn miljun Ewro (€1,000,000) fil-konfront tal-bastiment konvenut u ra li kien ser jitlef xi kuntratti u jikser obbligazzjonijiet ma' terzi. Jispjega li ladarba ra li l-ħsara kien saret ma ħallasx il-mitt elf Ewro (€100,000) rimanenti.

Isostni li dawn il-proċeduri qed isiru abbużivament u mingħajr jedd legali sabiex is-soċjeta' attriċi tibqa' żżomm il-bastiment konvenut sabiex tieħu flus li mhux dovuti lilha.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Mar-rikors promotur, is-soċjeta' attriċi ppreżentat is-segwenti **dokumenti** li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

Dok A: Ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-bastiment Sovereign M

Dok B: Time Charter Party Agreement iffirmat bejn il-partijiet fit-22 ta' Lulju 2015

Dok C: Ftehim datat 16 ta' Settembru 2016

Dok D: Mandat ta' arrest tal-bċejjeċ tal-baħar

Is-soċjeta' attriċi ppreżentat ukoll numru ta' artikli minn ġurnali differenti dwar bastimenti miżmuma fil-Libja (fol 455 et seq) kif ukoll deċiżjonijiet tal-Unjoni

Ewropea u n-Nazzjonijiet Magħquda dwar l-istess li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Fl-affidavit tiegħu, **Michael Mizzi** jgħid li huwa l-uniku direttur u azzjonista tas-soċjeta' Sovereign Fuels Limited, reġistrata fil-Union of Comoros, liema kumpanija ġiet reġistrata fit-13 ta' Novembru 2013 sabiex takkwista l-bastiment Sovereign M li ġie reġistrat fl-10 ta' Jannar 2014 bil-prezz ta' mitejn u sebgħin Dollaru Amerikan (USD 270,000) mit-Turkija fejn ġie wkoll restawrat mix-xhud stess taħt is-superviżjoni t'ibnu Silvio Mizzi fit-Turkija biex ġie fi stat tajjeb.

Jispjega li din kienet l-ewwel darba li kien xtara *tanker vessel* u kien sema li s-suq tal-kiri kien tajjeb u filfatt ġie dejjem ġestit minn terzi mentri hu kien jieħu ħsieb l-impjieg tal-ekwipaġġ.

Jgħid li lil Paul Attard kien ilu jafu u kellhom relazzjoni tajba u oħtu Josette kienet anke għamlet xi żmien tgħinu fix-xogħol. Jispjega li Paul Attard kien ilu jaħdem fl-istess industrija u kien jgħid li għandu ħafna xogħol u kuntatti ġewwa l-Italja.

Jispjega li fis-sena 2015, Paul Attard kien qallu biex jibda jikri l-bastiment *de quo* sabiex jiġi operat f'ibħra internazzjonali bejn Malta u l-Italja u dana stante li kien hemm xi Taljan interessat jikri l-bastiment sabiex jittrasporta l-*fuel* bejn Malta u l-Italja. Isostni li hu kien għamilha ċara li l-bastiment ma kellux jidħol f'portijiet jew jersaq b'ibħra tan-naħa t'isfel tal-Mediterran u partikolarment il-Libja u dana stante li f'dak iż-żmien kien sema b'numru ta' bastimenti li nqabbdu ġewwa l-Libja.

Jgħid li għalhekk daħlu fi ftehim ta' kiri – *time charter party* – għall-prezz ta' elfejn u erba' mitt Ewro (€2,400) kuljum għall-perjodu ta' tliet xhur, wara liema perjodu l-bastiment kellu jiġi kkonsenjat lura.

Wara li ffirmaw il-ftehim, ix-xhud kien mar ma' Paul Attard abbord il-bastiment fejn introduċih mal-ekwipaġġ u l-kaptan tal-istess. Jgħid li lill-Kaptan kien

spjegalu li l-bastiment ġie mikri u l-istruzzjonijiet ta' tbaħħir kellu jibda jirċevihom mingħand Paul Attard.

Jispjega li wara li ġie ffirmat it-*time charter party* fit-22 ta' Lulju 2015, Paul Attard kien beda jopera bejn Malta u l-Italja u x-xhud kien jibgħat il-fatturi għal kera kull ħmistax (15) -il ġurnata, kif miftiehem.

Jgħid li f'dak il-perjodu l-Kaptan kien jikkomunika biss miegħu u m'ibnu Silvio meta jkun hemm bżonn ta' proviżjonijiet għall-membri tal-ekwipaġġ. Jgħid li f'okkażżjoni minnhom Paul Attard kien ilmenta li l-Kaptan ma jobdix l-istruzzjonijiet tiegħu u kien kellem lill-Kaptan dwar dan. Sadanittant jgħid li l-ewwel fattura kienet tħallset iżda kien intalab żmien sabiex titħallas it-tieni.

Isostni li fl-24 ta' Awwissu 2015, ibnu, Silvio Mizzi, kien irċieva email mingħand il-Kaptan li Paul Attard kien tah struzzjonijiet li jsalpa f'żona li tinsab madwar erbgħin mil nawtiku (40mn) 'l barra mill-kosta tal-Libja u indika li jekk mhux ser jingħata ordnijiet ulterjuri ser jirritorna lejn Malta. Jgħid li hu kien prova jikkomunika ma' Paul Attard u ma rnexxilux, iżda ibnu kien kellmu u kien qallu sabiex iħallu f'idu stante li ma kien qed jagħmel xejn ħażin jew illegali. Jispjega li Silvio kien qallu sabiex jordna lill-Kaptan jitlaq minnufih stante li dan kien kontra l-ftehim tagħhom. Jgħid li dakinhar stess il-bastiment ġie interċettat mill-forzi navali Libjani u ddaħħal fil-port ta' Tripoli taħt skorta u ntilfet kull kommunikazzjoni mal-Kaptan u l-ekwipaġġ. Jgħid li xi ġranet wara saru jafu li l-bastiment kien inżamm il-Libja fuq allegazzjonijiet li l-bastiment kien qiegħed jistenna sabiex jgħabbi kunsinna ta' *gas oil* bi ksur tal-liġijiet doganali Libjani.

Jispjega li għalkemm kien irrabjat għal Paul Attard, hu kien assigurah li għandu kuntatti sabiex joħroġ kemm lil ekwipaġġ u kemm lill-bastiment minn ġewwa l-Libja u li kellu anke l-finanzi biex jagħmel dan. Jgħid li kien iċempillu kuljum u kemm-il darba lanqas biss kien iwieġbu. Jispjega li l-informazzjoni li kien jagħtih kienet li hemm triq li trid tinfetaħ bejn Tripoli u Zuwarah u la darba tinfetaħ il-kuntatt tiegħu jkun jista' jmur Tripoli u l-ekwipaġġ jiġi trasferit f'ħabs f'Zuwarah. Jgħid li kien jinfurmah ukoll li kien qabbad avukat ġewwa l-Libja.

Jispjega li Paul Attard kien dejjem jgħidlu li waslu sabiex joħorġu. Jgħid li fil-frattemp hu baqa' jħallas il-pagi tal-ekwipaġġ stante li dawn kellhom il-familji, liema somma ammontat għal tnejn u erbgħin elf Ewro (€42,000).

Jgħid li f'dak iż-żmien kien f'kuntatt ukoll ma' Paul Falzon li huwa rappreżentant ta' *The International Transport Workers' Federation* li kien ta' appoġġ kbir. Sadanittant, jgħid li kien f'kuntatt mal-ekwipaġġ li kienu jinsabu f'sitwazzjoni ħażina ħafna. Jgħid li meta għaddew sitt (6) xhur u Paul Attard baqa' dejjem itawwal, kien tkellem ma' Paul Falzon li kien qabbadlu avukat fil-Libja li ħallas għalih hu personalment. Mill-banda l-oħra Paul Attard ma kien qed iħallas xejn minn dak dovut stante li kien jgħid li qed iħallas lill-Avukati fil-Libja.

Jispjega li fit-30 ta' Ġunju 2016 kienet marret oħt Paul Attard b'cheque ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) bħala parti mill-kera li kienet dovuta.

Isostni li kien baqa' f'kuntatt ma' Paul Falzon u kien ħallas aktar flus sabiex jinħarġu l-ekwipaġġ iżda dan baqa' ma seħħx. Jgħid li l-Kaptan kien ikkomunika miegħu u talbu jħallas avukat ieħor li kien wiegħed li ħa joħroġhom iżda dan ukoll ma żammx kellmtu minkejja li ħallsu. Jgħid iżda li kienu ġew trasferiti f'ħabs f'Zaiwah.

Jispjega li Paul Falzon kien urih dokument fejn l-ekwipaġġ kien indika li l-ordni sabiex isalpaw f'dik iż-żona kienet ġiet mingħand ix-xhud, liema dokument l-ekwipaġġ qalu li qatt ma raw. Jgħid li mbagħad kien qabbad lill-avukat tiegħu jmur Tunis u jipprova jsib soluzzjoni iżda kulħadd kien jitlob il-flus minn qabel u ma riedx iħallas aktar minn qabel.

Jgħid li lil Paul Attard dejjem baqa' jikkomunika miegħu, iżda dan beda mbagħad jinjorah u għalhekk ma kellux alternattiva ħlief li jipproċedi legalment. Jispjega li meta għamel dan, Paul Attard kien talbu li jilħqu ftehim u wara laqgħa ġie offrut is-somma ta' mitejn elf Ewro (€200,000) rappreżentanti l-kera ta' tliet xhur fejn l-ewwel mitt elf Ewro (€100,000) tħallsu permezz ta' bank transfer u l-kumplament kellu jitħallas fi tlieta u erbgħin (43) ġurnata, iżda dan minkejja tentattivi baqgħu ma tħallsux. B'hekk isostni li ma

kellu ebda alternattiva ħlief li jerġa' jipproċedi legalment kontra l-bastiment konvenut.

In sosten tal-affidavit tiegħu x-xhud ippreżenta numru ta' dokumenti li l-Qorti ħadet konjizjoni tagħhom.

Fix-**xhieda tiegħu** jżid li aktar 'il quddiem kien tkellem mal-aġent Paul Sullivan li kien għamlu f'kuntatt ma' persuna u rnexxielu joħroġ lill-ekwipaġġ u dana wara li ħallas sittin elf Ewro (€60,000) u tliet snin jitħabat.

Fl-affidavit tiegħu, **Silvio Mizzi** jgħid li jikkonferma l-kontenut tal-affidavit ta' missieru Michael Mizzi safejn dawn jikkonċerna lilu. Jgħid li lil Paul Attard kien sar jafu tramite missieru. Jispjega li l-bastiment *de quo* kien inxtara mis-soċjeta' Sovereign Fuels Limited u hu kien mar personalment it-Turkija għall-perjodu ta' xahrejn sabiex jara li x-xogħolijiet isiru skont li kien talab is-surveyor Kurt Gutteridge, li hu u n-nies tiegħu kien wkoll jitilgħu t-Turkija jiċċertifikaw ix-xogħolijiet. Jispjega li f'dak iż-żmien kellhom kaptan Tork bl-isem Ilker Kucuk li kien jieħu ħsieb li jgħaddi l-pagamenti.

Jgħid li qabel ma l-bastiment ġie mikri lil Patron Group Limited kien għand Cassar Ship Repair u kien ipprepara il-bastiment għal *port state inspection* u kien għadda.

Jispjega li fil-bidu li nkera, Paul Attard, kien jikkomunika max-xhud b'messaġġi u telefonati sabiex jibgħat l-istruzzjonijiet lill-Kaptan, iżda ma baqax jagħmel dan u beda jikkomunika dirett mal-Kaptan. Jgħid li fil-bidu ta' Awwissu tas-sena 2015 kienet qamet kwistjoni għax Paul Attard kien allega li hu u missieru kienu bagħtu dgħajsa minn wara daru biex tisraq il-fuel, iżda x-xhud kien wieġba li kien jidher mill-AIS li l-vapur ma waqaf imkien u kien wieġbu li m'hemmx bżonn jieqaf biex dan isir, iżda l-ekwipaġġ kien kollu kkonferma li dan ma seħħx.

Isostni li fl-24 ta' Awwissu 2015 fl-10.36 a.m. kienu irċieva email mingħand il-Kaptan tal-bastiment fejn infurmah li Paul Attard kien tah struzzjonijiet sabiex

jippożizzjona ruħu f'erbgħin mil nawtiku (40mn) mil-Libja u li jekk mhux ħa jkun hemm komunikazzjoni ser jaqbad triqtu lejn Malta. Jgħid li kif ra l-email kien informa lil missieru u missieru kien prova jċempel lil Paul Attard iżda ma qabdux. Jispjega li mbagħad ċempillu hu u qabdu mal-ewwel u tah struzzjonijiet li jordna lill-Kaptan jersaq 'l bogħod mil-Libja b'mod immedjat skont il-ftehim ta' bejniethom.

Jispjega li mis-sistema AIS beda jinduna li l-vapur qed jersaq aktar viċin tal-Libja milli joħroġ 'l barra u kull tentattiv li jikkomunika mal-ekwipaġġ kienet għalxejn. Jgħid li wara xi żmien saru jafu li l-vapur kien interċettat mill-forzi navali Libjani u ddaħħal fil-port ta' Tripoli fuq allegazzjonijiet li l-bastiment kien qed jistenna sabiex jgħabbi kunsinja ta' gas oil illegali.

Jispjega li mis-sistema li kien hemm fuq il-vapur, il-kaptan seta' jibgħat iżda mhux jirċievi emails.

Jgħid li minn dakinhar hu qatt ma kkomunika la ma' Paul Attard u lanqas ma ħadd mill-ekwipaġġ iżda jikkomunika biss ma' missieru li qed isegwi l-iżvilupp tas-sitwazzjoni.

In sostenn tal-affidavit tiegħu x-xhud ippreżenta numru ta' dokumenti li l-Qorti ħadet konjizjoni tagħhom.

F'**kontinwazzjoni tax-xhieda** tiegħu jikkonferma li l-bastiment għadu maqbud fil-Libja sa llum iżda l-ekwipaġġ wara ħafna taħbit ġie meħlus.

Fix-xhieda tiegħu, **Michael Savona in rappreżentanza ta' Transport Malta** jgħid li jokkupa l-kariga ta' Assistent Reġistratur fi ħdan il-bastimenti merkantili.

Fir-rigward tal-bastiment Sea Partion jgħid li l-imsemmi bastiment għandu arretrati fir-rigward ta' *tonnage fees* li jammontaw għal tlett elef, disa' mija u ħamsa u ħamsin Ewro (€3,955). Jgħid li hu reġistrat sas-sena 2016 taħt Patron Limited. Jispjega li l-bastiment għandu żewġ mandati ta' arrest waħda

li ġiet reġistrata fl-20 ta' Lulju 2016 u oħra fis-16 ta' Novembru 2016 - li t-tnejn saru meta s-sid tal-bastiment kienet Patron Group Limited.

Jikkonferma li l-bastiment għadu reġistrat taħt il-bandiera Maltija.

In sosten tax-xhieda tiegħu, x-xhud ippreżenta *Transcript of Register* tal-bastiment li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha.

Fix-xhieda tiegħu **Dr Robert Vassallo in rappreżentanza ta' Transport Malta** jgħid li jokkupa l-kariga ta' Senior Manager Legal EU and National Affairs fi ħdan id-direttorat tal-portijiet u l-yachting.

Fir-rigward tal-bastiment Sea Patron jgħid li sid il-bastiment huwa l-Patron Group kif rappreżentati mis-Sur Paul Attard. Jgħid li l-bastiment huwa debitur tal-awtorita` fis-somma ta' sittax-il elf, tlett mija u disgħa u tmenin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€16,389.86) li jikkonsistu f'portage u security services fil-perjodu bejn it-30 ta' Diċembru 2015 u l-20 ta' Marzu 2018.

In sostenn tax-xhieda tiegħu, ix-xhud ippreżenta rendikont tal-ammonti kollha dovuti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu.

Fix-xhieda tiegħu, **Paul Falzon** jgħid li hu r-rappreżentant Malti nominat mill-General Workers' Union għal international transport workers (ITF) u jifformaw parti mill-Ispettorat tal-ITF billi jissolveljaw fejn jidħlu drittijiet tal-baħħara.

Jgħid li fir-rigward tal-bastiment Sovereign M kien beda l-involviment tiegħu minn Settembru/Ottubru tas-sena 2015 'l quddiem. Mistoqsi jekk kellux kuntatt mal-ekwipaġġ jgħid li għal żmien twil kellu kuntatt regolari mal-ekwipaġġ li fosthom kien hemm wieħed Malti.

Jispjega li l-ekwipaġġ u partikolarment il-kaptan spjegaw li huma l-ordnijiet amministrattivi kienu jeħduhom mingħand Michael Mizzi, mentri ordnijiet operattivi kienu jeħduhom mingħand min kien mikri l-vapur u ċioe` mingħand Pawlu Attard tal-Patron Group.

Jispjega li kienu jitkellmu miegħu ta' sikwit u jgħaddulu numru ta' nies differenti u min-naħa tagħhom dawn in-nies kollha jkunu jridu jitħallsu minn qabel. Jgħid li kienu għaddewlu numru ta' Libjan li jgħix f'Malta u hu flimkien ma' Michael Mizzi kienu ltaqgħu miegħu u kien talab is-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000) biex jinħeles l-ekwipaġġ u dik ta' ħmistax -il elf (€15,000) biex jinħeles il-bastiment.

Mistoqsi jekk kienx ghadu f'kuntatt mal-ekwipaġġ jgħid li fis-27 ta' Novembru 2017 ġew trasferiti mill-ħabs ta' Surman għal Mitiga u saret telefonata waħda minn wieħed minnhom lil martu biex jgħidilha li hu kien tajjeb. Mistoqsi dwar il-proċeduri legali fil-konfront tagħhom, jgħid li dawn kienu pendenti u kien diġà` progress kbir li dawn inġiebu quddiem il-Qorti.

Jikkonferma li sakemm baqa` attiv il-kuntratt, il-familji tal-ekwipaġġ baqgħu jitħallsu l-pagi mis-soċjeta' rikorrenti.

In **kontro-eżami** jikkonferma li s-sitwazzjoni tal-Libja kienet waħda diffiċli fejn hija maqsuma bi gvernijiet differenti u partijiet f'idejn milizji. Jikkonferma li dan joħloq problemi kbar speċjalment fl-aspett li ma tkunx taf lil min għandek tkellem. Jikkonferma li dakinhar li nqabad il-vapur ma kellux merkanzija fuqu u jikkonferma li dakinhar li nqabad ma kienx fit-territorju Libjan, jispjega li kienu tmintax-il mil u nofs 'l barra mill-kosta.

Jispjega li lilu l-Kaptan qallu li jekk għandu javvanza għal-Libja fuq struzzjonijiet ta' Patron Group ma javvanzax iktar minn mija u għoxrin mil il-bogħod mill-kosta imma ma setax jagħmel dan għax ladarba qiegħed fi stat li qed jistenna l-ordnijiet mela allura jrid iniżżel l-ankra li f'dak il-bogħod ma tkunx twila biżżejjed. Mistoqsi jekk Michael Mizzi kienx infurmah dwar dan, jgħid li lilu kien qallu li Michael Mizzi kien qallu tavvanzax iktar minn erbgħin mil.

In sostenn tax-xhieda tiegħu, ix-xhud ippreżenta log tal-posizzjoni tal-vapur fl-aħħar sigħat qabel ma ttieħed mill-awtoritajiet Libjani, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha.

Fix-xhieda tiegħu **Peter Sullivan** jgħid li huwa shipping agent li xi drabi kien l-aġent tal-bastiment Sovereign M. Jispjega li l-involviment tiegħu kien ikun li jieħu ħsieb id-dokumenti tal-awtoritajiet biex il-vapur ikun jista' jidħol fit-territorju Malti, kif ukoll reġistrazzjoni ta' tibdil fl-ekwipaġġ.

Jgħid li ġie nfurmat li l-bastiment kien ġie sekwestrat mill-awtoritajiet Libjani u s-Sur Mizzi kien talbu jekk jafx lil xi ħadd li jista' jkun t'għajnuna u kien qabbdu ma' aġent tiegħu fil-Libja, ċertu Sejl Agrebi. Jgħid li kien fil-fatt laqqgħu ma' dan il-persuna u kien anke preżenti għall-laqgħat fejn ftehmu x'ried isir biex jinħeles l-ekwipaġġ legalment. Jispjega li wara certu żmien kien irnexxielu joħroġhom mill-ħabs u rranġaw għall-passaporti u telqu lejn pajjiżhom, kollox a spejjeż tas-Sur Mizzi. Jispjega li kien hemm *bulk payment* ta' sittin elf Ewro (€60,000) iżda qabel kienu tħallsu aktar flus.

Fix-xhieda tiegħu, **Kurt Gutteridge** jgħid li hu *naval architect* u *ship surveyor* approvat mill-Awtorita` Maltija għat-Trasport kif ukoll minn bnadar oħrajn internazzjonalment biex jagħmel surveys u ċertifikazzjoni f'isimhom.

Jispjega li l-bastiment Sovereign M kien raħ f'isem is-sidien meta xtraw il-bastiment fit-Turkija u kien assistihom sabiex iġibu ċ-ċertifikazzjoni kollha meħtieġa.

Mistoqsi dwar it-*time-charter party* in kwistjoni, jgħid li huwa wieħed regolari li wieħed isib fis-suq. Jispjega li r-rata mifthema tmur kollha għand is-sid li min-naħa tiegħu għandu l-obbligu li jimpjega u jħallas l-ekwipaġġ, imanti l-bastiment u jara li għandu ċ-ċertifikazzjoni neċessarja. Jgħid li r-rata tal-kiri tal-vapur kienet waħda realistika meta mqabbla mal-ispejjeż.

Jikkonferma li f'*time-charter party,* huwa ic-charterer, lil min qed jinkera l-vapur, li jagħti l-ordnijiet ta' fejn irid imur il-vapur u x'ħa jġorr.

In sostenn tax-xhieda tiegħu, ix-xhud ippreżenta rendikont tal-ispejjeż involuti fl-operat tal-bastiment, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi meħud in konsiderazzjoni il-provi prodotti, il-Qorti sejra, qabel tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha, tislet dak li jirriżulta mis-**sottomissjonijiet** tas-soċjeta' attriċi.

Is-soċjeta' attriċi tibda billi tindirizza t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut (li hija ndikata bin-numru erbgħa) u tqisha bħala estenzjoni tal-ewwel eċċezzjoni li diġà` ġiet miċħuda permezz tas-sentenza parzjali ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, tas-6 ta' Novembru 2017 u konsegwentament tqis illi anke din għandha wkoll tiġi miċħuda.

Issostni li l-ammont ta' mitt elf Ewro (€100,000) rappreżentanti il-kera dovuta għall-bastiment Sovereign M għadha dovuta u dan mhux stante biss il-klawżoli tat-*time charter party* in kwistjoni iżda wkoll il-ftehim bonarju li daħħlu fiħ il-partijiet fis-16 ta' Settembru 2016 fejn is-soċjeta' Patron Group Limited qablet li tħallas l-istess somma lis-soċjeta' attriċi. Oltre` minn hekk, tikkontendi li c-*charter party* qatt ma ġie kkanċellat u anzi qatt ma kien hemm att li ssospenda jew ittermina l-istess ftehim. Barra minn hekk, telenka r-raġunijiet kollha li għalihom seta' jiġi terminat jew sospiż l-istess ftehim u tinsisti li l-ebda waħda ma vverat ruħha u tissottolinja li dak li ġara ċertament li ma kienx imputabbli għas-soċjeta' attriċi. B'hekk tinsisti li l-kera tat-tliet xhur hija ċertament dovuta.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-konvenut li l-ftehim tas-16 ta' Settembru 2016 kien ivvizjat bi vjolenza da parti tas-soċjeta' attriċi, tgħid li l-fatt li l-ħlas ġie kawtelat b'mandat t'arrest fuq il-bastiment konvenut, ma jammontax għal vjolenza kif kontemplata fl-artikolu 978 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Oltre` minn hekk, l-iskrittura nnifisha ġiet iffirmata wara negozjati bejn il-partijiet li

kellhom ukoll assistenza legali. B'hekk bl-ebda mod ma jista` jingħad li l-ftehim kien wieħed null.

Is-soċjeta' attriċi tikkontendi li d-danni kollha sofferti minnha huma unikament u direttament ikkawżati minn għadd ta' inadempjenzi kuntrattwali da parti tas-soċjeta' Parton Group Limited u ċioe` mill-fatt li l-bastiment ma nżammx fiċ-Ċentru tal-Mediterran, ma nżammx f'postijiet sikuri u tpoġġa f'riskju ta' gwerra. B'konsegwenza ta' dan is-soċjeta' attriċi tilfet l-investiment fil-bastiment u l-aspettiva kummerċjali tiegħu u nkorriet diversi spejjeż relatati mal-ħelsien tal-ekwipaġġ.

Issostni li huwa ċar kemm min-natura tal-kuntratt innifsu kemm mill-provi miġjuba li l-ordni li l-bastiment jidħol sa erbgħin mil nawtiku mill-kosta Libjana ingħatat mis-soċjeta' Patron Group u mhux mis-soċjeta attriċi. Jinsistu li kull prova kuntrarja mhijiex veritiera u dan kif jirriżulta mix-xhieda stess.

Tispjega li minkejja li t-*time charter party* ma kienx jispeċifika sa fejn għandu jasal il-bastiment mill-kosta Libjana, huwa evidenti li dan kien il-ftehim bejn il-partijiet. Jgħidu li dan jirriżulta ampjament mill-komunikazzjoni tal-Kaptan innifsu li kien inkwetat bil-fatt li ingħata ordni li jersaq viċin.

Oltre` minn hekk, ic-*charterer* kellu l-obbligi li jopera l-bastimenti limitatament f'portijiet u postijiet tajbin u sikuri 'l bogħod mir-riskju tal-periklu kif ukoll li jagħti ordnijiet b'diliġenza li kien jadotta li kieku l-bastiment kien tiegħu. Issostni li ċertament li n-nolleġjant kien ben konsapevoli tas-sitwazzjoni fil-Libja f'dak iż-żmien meta diversi bastimenti kienu qed jinħatfu u għalhekk is-sigurita` ta' kwalunkwe bastiment li jersaq viċin kienet qiegħda tiġi mhedda. Tiddistingwi bejn sitwazzjoni ta' nuqqas ta' sigurita` li tkun teżisti meta ngħatat l-ordni u dik ta' avveniment fortuwitu li kkawża sitwazzjoni mhux sikura wara li tkun ngħatat din l-ordni. Tinsisti li f'dan il-każ l-instabbilita` fis-sigurita` tal-ibħra kienet evidenti u ħakmet il-midja u għalhekk ċertament li tistax tiġi kklassifikata bħala avveniment fortuwitu. Tgħid li dan kien maħsub propju fil-klawżola 22 tal-ftehim fejn in-nolleġjant kellu l-obbligu li jitlob l-

permess tas-soċjeta' attriċi sabiex isalpa f'postijiet fejn hemm riskju ta' gwerra.

Issostni li s-soċjeta' Patron Group Limited qatt ma ssodisfat l-obbligu li fl-aħħar taż-żmien miftiehem tikkunsinna lura l-bastiment lis-soċjeta' attriċi fil-post miftiehem. Tgħid li mhux talli l-bastiment ma ġiex ritornat talli s-soċjeta' Patron Group Limited abbandunat għal kollox il-bastiment li għadu sa llum ma ngħatax lura lis-soċjeta' attriċi.

Tikkontendi li d-danni riżultanti ma kinux frott ta' forza maġġuri u dana stante li kienet deċiżjoni tan-nolleġjant li poġġiet il-bastiment f'periklu. Oltre` minn hekk, is-soċjeta' Patron Group Limited fl-ebda istanza ma nnotifikat lis-soċjeta' attriċi dwar forza maġġuri ai termini tal-klawsola 32 tal-ftehim. Barra minn hekk, ma nġiebet ebda prova li n-nolleġjant għamel dak kollu li seta' sabiex jevita l-effetti ta' dik l-allegata forza maġġuri jew li appunta l-istess forza maġġuri eżistiet. Tispjega li hu ċar li d-danni huwa kollu attriwibbli għad-deċiżjoni u l-ordni tan-nolleġjant u għalhekk għandu jkun responsabbli għad-danni.

Fir-rigward tad-danni ssostni li s-soċjeta' Patron Group Limited hija responsabbli għall-ħlas ta' danni ai termini tal-Artikolu 292 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 1125 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. In sostenn ta' dan tirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Zammit & Cachia Limited vs Hix Limited** deċiża fis-17 ta' Frar 2003 u d-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Joe Xuereb Holdings Co Ltd vs Marlene Xuereb et** deċiża fit-30 ta' Ġunju 2005.

Fejn jidħol kwantum ta' danni, tispjega li hi sofriet it-telf tal-bastiment innifsu li nxtara għal mitejn u sebgħin elf Dollaru Amerikan (USD 270,000) u fuqu sar investiment ta' mija u ħamsa u tletin elf, seba' mija u disgħin Ewro (€135,790), liema valur kieku llum huwa vvalutat fl-ammont ta' mija u erbgħin elf Ewro (€140,000). Barra minn hekk, sofriet il-ħlas ta' mitt elf Ewro (€100,000) sabiex ħarġet lill-ekwipaġġ mil-Libja. Għalkemm huwa evidenti li soffriet ukoll telf ta' qligħ, hija mhux qed tinsisti dwar dan, iżda titlob li titħallas

il-kera rimanenti ai termini tal-iskrittura tas-6 ta' Settembru tas-sena 2016, inkluż l-imgħax pagabbli fuqha flimkien mat-telf soffert sforz l-aġir u l-inadempjenza kuntrattwali tas-soċjeta' Patron Group Limited.

Finalment tirrimarka dwar il-fatt li l-konvenut ma ressaq ebda prova f'dawn il-proċeduri sabiex jirribatti l-fatti kif elenkati mis-soċjeta' attriċi.

**Ikkunsidrat ulerjorment:**

Magħrufa l-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tikkunsidra u tiddeċiedi dwar it-tielet eċċezzjonijiet preliminari mressqa mil-konvenut fir-risposta tiegħu stante li l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet diġà` ġew deċiżi f'sentenzi preliminari separati kif fuq premess.

**<u>Eċċezzjoni li t-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra l-konvenut huma nfondati stante li ma kellu ebda kontroll fuq il-bastiment Sovereign M jew il-kiri tiegħu</u>**

Fit-tielet eċċezzjoni tiegħu (innumerata numru erbgħa) il-konvenut jeċċepixxi li fil-mertu t-talbiet attriċi in kwantu diretti kontrih huma nfondati fil-fatt u fil-liġi stante li hu ma ndaħal xejn fin-negozju li fuqu l-attriċi tibbaża l-pretensjonijiet tagħha u ma kellu ebda kontroll fuq il-bastiment Sovereign M jew il-kiri tiegħu.

Fis-sottomissjonijiet tagħha, is-soċjeta' attriċi ssostni li din l-eċċezzjoni hija estensjoni tal-ewwel eċċezzjoni, li diġà` ġiet deċiża u miċħuda, u konsegwentament din il-Qorti għandha tiċħad ukoll din l-eċċezzjoni.

Il-Qorti tosserva s-sentenza in parte ta' din il-Qorti stess, diversament preseduta, tas-6 ta' Novembru 2017 fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, fejn il-Qorti kkonkludiet:

*Fl-ewwel lok din hi azzjoni in rem u fil-każ tal-paragrafu mertu tal-azzjoni jitqisu bħala talbiet in rem impropja u mhux proprja bħal ma hu salvage claim, jew drittijiet ta' proprjeta ta' vapur. Din l-azzjoni hi proċedura speċjali fejn azzjoni titwieled in konnessjoni ma' vapur.* ***Il-liġi hi ċara u ma tgħidx li l-azzjoni għandha issir fil-konfront ta' dak il-vapur li wassal għal kawża tal-azzjoni****. In oltre` tali azzjoni teżisti fejn il-persuna li tkun responsabbli għal azzjoni in personamen kinitx fiż-żmien li tat lok għal kawża tal-azzjoni, is-sid jew iċ-charterer jew fil-kontroll jew pussess tal-vapur.*

Din il-Qorti tqis li ladarba, din il-Qorti diġà` waslet għall-konklużjoni li l-konvenut huwa l-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni, mela allura jsegwi li s-soċjeta' attriċi tista` ġġib l-azzjoni fil-konfront tiegħu bħala azzjoni in rem.

**Għalhekk ser tgħaddi biex tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Fil-mertu**

It-talbiet tas-soċjeta` attriċi jista' jingħad li jinqasmu fi tnejn u ċioè (i) qed tintalab dikjarazzjoni li l-bastiment konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' mitt elf Ewro (€100,000) rappreżentanti l-kera pattwita għall-użu tal-bastiment u konsegwentament tordna il-ħlas relattiv, u (ii) qed tintalab dikjarazzjoni li sid il-bastiment intimat, Patron Group Limited, hija inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali fosthom billi naqset li timpiega l-bastiment *de quo* f'post sikur fiċ-Ċentru tal-Mediterran u/jew naqset li tikkonsenja lura l-istess bastiment fiż-żmien stipulat u konsegwentament tillikkwida u tordna l-ħlas ta' danni.

Il-Qorti rat il-fatti tal-każ u tqis li huma pjuttost kumplessi u anke straordinarji u għalhekk teħtieġ li tissimplifika s-sitwazzjoni sabiex tkun tista' tasal għall-konklużjonijiet tagħha. Għalhekk l-ewwel kwistjoni li jeħtieġ tqis il-Qorti, hija n-natura tal-kuntratt pattwit bejn il-partijiet u ċioe' l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabiltajiet li jemerġu min-natura tal-kuntratt innifsu, biex b'hekk imbagħad tkun tista' tiddetermina jekk, kif u fejn naqsu l-partijiet.

## In-natura tal-kuntratt bejn il-partijiet

Huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-kuntratt bejniethom kien jikkonsisti f'*time chaterparty*. Il-Qorti tosserva li l-Kap 234 tal-Liġijiet ta' Malta ma' jagħti l-ebda definizzjoni tal-imsemmi kuntratt u dana peress li l-unika tip ta' kuntratt li jikkunsidra huwa dak ta' *bareboat charter* (Art 84A(1)) li ċertament ma tapplikax għall-każ odjern stante li d-definizzjoni nnfisiha tindika li f'dak il-każ ikun ic-*charterer* li jaħtar il-kaptan u l-ekwipaġġ mentri fil-każ odjern huwa ċar li l-kaptan u l-ekwipaġġ kienu maħtura mis-soċjeta' attriċi.

Il-Qorti tosserva l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Avukat Max Ganado noe vs Kaptan Sebastiano Pizzimenti noe** deċiża fit-30 ta' Novembru 2007, fejn il-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet sabiex tiddistingwi bejn ir-responsabilitajiet tas-sidien u c-*charterer* fil-każijiet ta' *charter by demise* u *charter party* ieħor:

> *"Fil-kuntratt ta' "charterparty" in kwistjoni jinghad li "The vessel shall during the charter period be in the full possession, and at the absolute disposal for all purposes of the charterers and under their complete control in ever respect". Fir-rigward ta' charterparties, l-awturi Gaskell, Debattista and Swatton, fil-ktieb "Chorley & Giles' Shipping Law" (8th Edit, 1988 pag. 174) jaghmlu dawn l-osservazzjonijiet:*

*"“**To put it broadly a charterparty is a contract between the charterer and the shipowner, by which the former hires from the latter the use of the ship, either for a certain length of time – say, twelve months – when it is called a time charter, or for a certain voyage, when it is called a voyage charter; this latter may be out and home, usually called a ‘round voyage’.** The charter may be an ordinary hire just as the hire of any movable thing, for instance, a motor car for an excursion, or it may be in the nature of a lease by which the owner grants or demises the entire control and possession of the ship to the charterer (charter by demise). This type of charterparty is appropriate when a shipowner is desirous of augmenting his fleet, or where a person wishes to obtain full temporary possession of a ship, as when fitting out an expedition for exploration. The demise charterer is in a position similar to the leaseholder of land, that is to say, he is for all practical purposes, except registration, the temporary owner of the ship. Accordingly, the duties and rights of the owner are performed and exercised, respectively, by him. He is bound by a salvage award, and it is on his behalf that the master signs bills of lading, for master and crew are his, and not the owner’s servants. During the duration of a charter by demise the owner’s right is to be paid the hire or, as it is sometimes confusingly called, the chartered freight. He is not allowed to interfere in any way with the management of the ship, except in so far as the terms of the charterparty itself permit. If the ship earns a salvage award the charterer by demise is entitled to it. The common form of charterparty is that used between the shipper of goods and the shipowner”.*

*"Kif intqal minn Lord Watson fil-kawza “The Castle Gate”, deciza mill-House of Lords fl-1892, “As every proceeding in rem is in substance a proceeding against the owner of the ship, a proper*

*maritime lien must have its root in his personal liability". Issa, meta jkun hemm charter by demise, is-sid tal-vapur ma jkun bl-ebda mod responsabbli ghall-obbligazzjonijiet assunti mill-vapur, u kwindi ma tistax issegwi azzjoni in rem kontra l-vapur, liema azzjoni, kif jinghad fil-kawza "L'Astrigoni", deciza fl-Ingilterra fl-1974, hija "intended to facilitate the enforcement of liabilities, not to allow pressures to be put upon a person who is himself under no liability in respect of the liabilities of others". "Il-fatt li s-sid tal-vapur izomm xi drittijiet fuq il-vapur, per ezempju, li c-chief engineer ikun mahtur minnu, u li s-sid izomm dritt ta' spezzjoni u dritt ta' identifikazzjoni f'kaz ta' xi responsabbilita` jew hsara lill-vapur, ma jtellifx mill-fatt li kuntratt jibqa' definit "charter by demise", bir-responsabilitajiet u obbligi jkunu kollha tac-charterer – "Baumwoll Manufactur von Carl Scheibler vs Furness", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-Ingilterra fl-1893.*

*"Meta l-kaz ikun ta' din in-natura, ir-responsabilita` ghal hlas ta' servizzi provduti tkun tac-charterer biss u mhux tal-vapur, aktar u aktar meta, f'dan il-kaz, gie stabbilit li l-ordnijiet saru mic-charterer u mhux mill-kaptan. F'kaz ta' charter by demise, ir-responsabilita` ghal hlas ta' dan il-kreditu ma jkunx, allura, tas-sidien tal-istess bastiment, izda tal-"bareboat charterers" personalment. Hekk jinghad ukoll fil-ktieb tal-awtur Scruttan "On Charterparties" (19th Edit. 1984 pag. 47).*

*""A charter by demise (bare boat) operates as a lease of the ship itself, to which the services of the master and crew may or may not be supra added. The charterer becomes for the time the owner of the vessel; the master and crew become to all intents his servants, and through them the possession of the ship is in him.*

*""**Under a charter not by demise, on the other hand, the ship owner agrees with the charterer to render services by his***

> ***master and crew to carry the goods which are put on board his ship by or on behalf of the charterer.***
>
> *""The possession of a demised ship is in the charterer, not the owner. Various consequences follow from a charter being construed as a demise:*
>
> *""(1) the owner is not liable to shippers even if they did not know of the charter, or to the charterers, for acts of the master and crew. (Baumwoll vs Furness 1893 A.C. 8).*
>
> *""(7) Where statutory duties are imposed on the "owner" of a ship, such as the payment of light dues, in the absence of express provisions in the charter, the charterer is liable if the charter is a demise, the owner if it is not. (The Hopper No. 66 (1908) A.C. 126).*
>
> *""(8) A charterer by demise is liable for collision caused by negligence of the demised ship. (Fenton vs Dublin 1838 8 A. & E. 835)"*
>
> *"Meta m'hemmx ir-responsabilita` tas-sidien tal-vapur, m'hemmx responsabilita` tal-vapur, u kwindi ma tistax tirnexxi azzjoni in rem kontra l-istess vapur. Vapur ma jistax jinzamm responsabbli meta ma tezisti ebda responsabilita` tas-sidien taghha.*

Magħruf dan l-insenjament, huwa ċar mill-provi li fil-każ odjern Patron Group Limited ma keriex biss il-bastiment iżda kera il-bastiment bl-ekwipaġġ u l-kaptan inkluż u għalhekk ma jistax jingħad li l-ftehim jammonta għal *charter by demise* u konsegwentament r-responsabbiltajiet tac-*charterer* taħt *charter by demise* mhumiex applikabbli.

F'dan il-każ l-irwol ta' Patron Group Limited kien unikament li jutilizza l-bastiment bl-ekwipaġġ b'kollox sabiex jsiru l-vjaġġi u jaqdi l-funzjonijiet li rieditu jaqdi. Fil-fatt huwa ċar mill-provi u mix-xhieda li d-deċiżjonijiet tul il-

vjaġġ u ċioe` dwar fejn għandu jmur il-vapur kienu qed jittieħdu minn Patron Group Limited u l-Kaptan kien qed isegwi l-istess ordnijiet.

Oltre` minn hekk, is-soċjeta' attriċi kellha r-responsabbilita` li tipprovdi l-materjal għall-vjaġġ u ċioe` l-pagamenti tal-Kaptan u l-ekwipaġġ kif ukoll għal dak kollu meħtieġ sabiex isir il-vjaġġ, inkluż il-*fuel*.

Isegwi għalhekk li filwaqt li c-*chareterer* ikollu ċertu obbligi, r-responsabbilita` tal-bastiment u l-Kaptan u l-ekwipaġġ tiegħu ma jgħaddux għand ic-*charterer* iżda dejjem jibqgħu għand is-sid li minn naħa tiegħu jkollu l-obbligu li jassigura li l-bastiment u l-ekwipaġġ ikun f'sitwazzjoni li jistgħu jonoraw l-ftehim mac-*charterer.*

**<u>Il-ħlas tal-kera pattwita</u>**

Stabbilit x'inhuma r-responsabilitajiet ġenerali tal-partijiet meta jkun fis-seħħ *time charterparty,* din il-Qorti ser tibda billi tqis il-kwistjoni tal-ħlas tal-kera tal-bastiment ta' bejn il-partijiet.

Jirriżulta li dwar dan, is-soċjeta` attriċi u Patron Group Limited kienu diġà` daħlu fi ftehim permezz ta' skrittura privata datata 16 ta' Settembru 2016 fejn ġie miftiehem li Patron Group Limited kellha tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' mitejn elf Ewro (€200,000) rappreżentanti l-kera ta' tliet (3) xhur. Jirriżulta, iżda, li ħallset biss is-somma ta' mitt elf Ewro (€100,000).

Il-Qorti tosserva li fir-risposta tiegħu l-konvenut jgħid li l-istess ftehim kien vizzjat minħabba vjolenza da parti ta' Michael Mizzi u jgħid ukoll li ma ħallasx il-kumplament tas-somma mifthema minħabba ħsara li saret lilu. Madanakollu, iż-żewġ allegazzjonijiet magħmula mill-konvenut ma ġew bl-ebda mod ippruvati fil-mori tal-kawża, tant hu hekk, li l-konvenut ma ressaq ebda prova jew sottomissjoni oltre` minn dak kontenut fir-risposta ġuramentata tiegħu.

Il-Qorti tosserva l-prinċipju ta' *onus probandi actori incumbit* u għalhekk tqis li ladarba l-konvenut ma pprova bl-ebda mod dak allegat minnu u, oltre` minn hekk, la darba huwa l-konvenut stess li qed jammetti l-eżistenza ta' dak il-ftehim u dik l-iskrittura, din il-Qorti m'għandha xejn xi żżid għajr milli tiddikjara l-istess skrittura valida bħala ftehim bejn il-partijiet u konsegwentament li l-obbligi kontenuti fiha għadhom validi.

**B'hekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tas-soċjeta' attriċi.**

**<u>Ir-responsabilita` tad-deċiżjoni li l-vapur jersaq viċin il-kosta Libjana</u>**

Il-Qorti jeħtieġ issa tqis it-tieni kwistjoni bejn il-partijiet u ċioè dak li seħħ fl-24 ta' Awwissu 2015, meta l-bastiment Sovereign M resaq viċin il-kosta Libjana.

Jirriżulta li fl-24 ta' Awwissu 2015, il-Kaptan tal-bastiment Sovereign M ingħata ordni sabiex jidħol u jistenna fl-erbgħin mil nawtiku (40mn) 'l barra mil-Libja. Jirriżulta wkoll, li hu nforma lis-sidien tal-vapur dwar dan u nfurmahom li jekk ma jirċiviex ordnijiet differenti kien ser jerġa' jsalpa lejn Malta. Jirriżulta li fis-26 ta' Awwissu 2016 il-bastiment ġie interċettat mill-forzi navali Libjani u ddaħħal fil-Libja fejn ġie akkużat li kien qed jistenna sabiex jgħabbi kunsinna *gas oil* illegali.

Is-soċjeta' rikorrenti ressqet provi varji li juru b'mod ċar li l-intenzjoni tagħha kienet waħda u ċara u ċioe` li l-vapur ma kellu bl-ebda mod jersaq tant viċin il-kosta Libjana. L-aħjar prova dwar dan hija l-email mibgħuta mill-Kaptan tal-bastiment stess (a fol 182) li tindika b'mod ċar li Michael Mizzi kien ta struzzjonijiet lill-Kaptan innifsu li dan m'għandux iseħħ u fil-fatt fl-imsemmija email il-Kaptan ikkomunika l-inkwiet tiegħu stante li kien ingħata struzzjoni differenti minn Patron Group Limited. Oltre` minn hekk, għalkemm mhux deskritta bil-mili nawtiċi eżatti fit-*time-charter party*, il-Qorti tinnota li l-istess ftehim kien fih numru ta' salvagwardji sabiex il-vapur jiġi protett fosthom il-klawsola 22(b) (a fol 22) li tindika b'mod speċifiku li c-*charterer* kellu jitlob l-

kunsens tas-sid jekk kemm-il darba kien ser jersaq viċin post ta' riskju ta' gwerra.

Hawnhekk, il-Qorti taqbel mat-teżi tas-soċjeta' attriċi li xi ħadd li kien jagħmel dan ix-xogħol ta' sikwit, f'dan il-każ, Patron Group Limited, kien ċertament jaf bir-riskji u bl-istejjer li kienu qed jiġru f'dak iż-żmien viċin il-Libja u għalhekk ċertament li kien jaf li hemm livell ta' riskju għoli f'dan ir-rigward. Ma nġiebet ebda prova fis-sens li l-kunsens tas-soċjeta' attriċi kien mitlub sabiex il-bastiment jersaq viċin il-kosta Libjana u tant hu hekk li kif Michael u Silvio Mizzi saru jafu b'li kien qed jiġri mal-ewwel ikkomunikaw ma' Paul Attard sabiex il-vapur jitbiegħed mill-kosta Libjana.

Huwa ċar f'moħħ din il-Qorti li l-ordni li l-bastiment jankra propja fid-distanza ta' erbgħin mil nawtiku (40mn) mill-kosta Libjana kienet propja ta' Paul Attard, fatt li jemerġi mhux biss mix-xhieda ta' Michael u Silvio Mizzi iżda wkoll mix-xhieda ta' Paul Falzon li kellu komunikazzjoni regolari mal-Kaptan u l-ekwipaġġ tal-vapur meta dawn sfaw maqbuda fil-Libja għal tliet snin. Hawnhekk irid jingħad li l-aħjar prova fiċ-ċirkostanzi kienet tkun dik tal-Kaptan innifsu, iżda fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tifhem li din kienet diffiċli immens li tingħata u għalhekk l-aħjar prova hija propju ta' Paul Falzon, bħala bniedem oġġettiv fis-sitwazzjoni.

Il-Qorti żżid li l-konvenut, għal darb'oħra ma ressaq ebda prova sabiex b'xi mod jikkontradixxi x-xhieda attriċi jew biex b'xi mod jeżonera lilu nnifsu minn dak li tinsisti dwaru s-soċjeta' attriċi.

**Għalhekk din il-Qorti, in vista tal-kunsiderazzjonijiet magħmula, ser tgħaddi biex tilqa' it-tielet u r-raba` talbiet tas-soċjeta' attriċi u tiddikjara li l-azzjonijiet ta' Patron Group Limited huma propja x'wasslu għall-konfiska tal-bastiment *de quo* u dana billi naqset milli żżomm mal-obbligi kontrattwali tagħha li żżomm il-bastiment f'post sikur u konsegwentament hija responsabbli għad-danni kollha sofferti mis-soċjeta' attriċi.**

**Il-Quantum tad-danni**

La darba din il-Qorti tqis lill-konvenut responsabbli għad-danni, ser tgħaddi biex tillikwida l-istess danni.

Il-Qorti tosserva li mill-provi miġjuba u fis-sottomissjonijiet tagħha s-soċjeta' attriċi elenkat id-danni li hi tippretendi li din il-Qorti tillikwida, u ċioe` l-ispejjeż li kellha tagħmel sabiex teħles lill-ekwipaġġ mil-Libja. Tosserva wkoll li in vista tar-rapport tal-Perit Ing. Kurt Gutteridge tas-27 ta' Novembru 2003, fejn il-bastiment konvenut ġie vvalutat fl-ammont ta' mija u erbgħin elf Ewro (€140,000), is-soċjeta' attriċi tqis li hu inutli li titlob danni ulterjuri minn dak l-ammont.

Filfatt is-soċjeta' attriċi mhux qed tippretendi danni għall-opportunitajiet mitlufa. Iżda l-unika danni li kwantifikat kienu disgħa u disgħin elf, erba' mija u għoxrin Ewro (€99,420) li hija nefqet sabiex irnexxielha toħroġ lill-Kaptan u lill-ekwipaġġ mil-Libja.

**Għalhekk din il-Qorti sejra tillikwida d-danni dovuti lis-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' disgħa u disgħin elf, erba' mija u għoxrin Ewro (€99,420).**

**Decide**

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, wara illi qieset il-provi kollha prodotti u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha, qed tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, salv għal dawn ġja deċiżi, u tilqa' it-talbiet kollha attriċi billi:

1. **Tiddikjara** li l-bastiment intimat huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' **mitt elf Ewro (€100,000)** rappreżentanti ammont

bilanċjali ta' kera għal perjodu ta' tliet (3) xhur, ai termini tal-ftehim datat 16 ta' Settembru 2016.

2. **Tikkundanna** lill-bastiment intimat iħallas is-somma msemmija ta' **mitt elf Ewro (€100,000)** bl-imghax kif mitlub b'effett mill-1 ta' Novembru 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

3. **Tiddikjara** li sid il-bastiment intimat, Patron Group Limited, kienet inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali tagħha billi naqset li timpiega l-bastiment Sovereign M f'post sikur fiċ-ċentru tal-Meditterran u b'konsegwenza ta' dan il-vapur ġie konfiskat mill-awtoritajiet Libjani u konsegwentament naqset li tikkonsenja lura l-bastiment Sovereign M lis-soċjeta' attriċi ġewwa l-Port ta' Valletta, Malta fiż-żmien stipulat fit-*Time Charter Party Agreement*.

4. **Tiddikjara** li sid il-bastiment intimat, Patron Group Limited, hija unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mis-soċjetà attriċi.

5. **Tillikwida** d-danni mitluba mis-soċjeta' attiċi fis-somma ta' **disgħa u disgħin elf, erba' mija u għoxrin Ewro (€99,420).**

6. **Tordna** ghalhekk lill-bastiment intimat sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma komplessiva ta' **disgħa u disgħin elf, erba' mija u għoxrin Ewro (€99,420),** bl-imgħax legali mil-lum**.**

7. **Finalment tikkundanna** lill-bastiment intimat iħallas l-ispejjeż tal-kawża, inkluż mill-ispejjes u drittijiet kif mitluba u allura inkluż minn dawk tal-Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar numru 1688/2016 u anke dawk relatati mal-ewwel sentenza parzjali tas-26 ta' April 2017, (dawk tat-tieni sentenza parzjali tas-6 ta' Novembru 2017

ġja ġew deċizi) l-ispejjeż ta’ liema kienu riżervati għal ġudizzju finali.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**